# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000**

**Numru 46**

Citaz. numru **1009/94 DS**

Antoine Pullicino, Dennis Abela, Anthony Buhagiar, Winston Bugeja u John Morana
vs
Dr. Victor Ragonesi bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Phoenicia Hotel Company Limited

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Lulju 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi:

L-atturi flimkien jiffurmaw il-kwintett muzikali bl-isem ta' "No Limits";

Illi l-konvenut nomine kien ingannahom perezz ta' kuntratt ta' mpjieg definit ghall-perijodu mit-18 ta' Marzu 1993 sal-31 ta' Dicembru 1993, sabiex idoqqu fil-lukanda "Imperial", u dan taht u skond it-termini tal-imsemmi kuntratt ta' mpjieg definit lu huwa datat il-5 ta' Marzu 1993 u li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" ;

Illi ai termini tal-klawsola tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt (Dok. "A"), il-hlas lilhom pagabbli kien ta' hamsin lira Maltija (Lm50) ghas-sessjonijiet fuq gewwa ("indoor sessions") u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) ghas-sessjonijiet fuq barra ("outdoor sessions");

Illi ai termini tal-klawsola hamsa (5) tal-imsemmi kuntratt ta' mpjieg definit (Dok. "A"), il-hlas ghas-sessjoni ta' Lejliet il-Milied kellu jkun ta' mitt lira Maltija (Lm100) filwaqt li l-hlas ghas-sessjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena kellu jkun ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) ;

Illi fil-hdax (11) ta' Novembru 1993, il-konvenut nomine unilateralment u minghajr ebda gustifikazzjoni valida fil-ligi ttermina l-imsemmi kuntratt ta' mpjieg definit antitempo.

Illi l-konvenut nomine naqas li jhallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm575) rappresentanti l-hlas lilhom dovut ghal hdax (11) il-sessjoni ta' daqq illi huma taw bejn it-2 ta' Settembru 1993 u l-11 ta' Novembru 1993, id-data meta l-kuntratt ta' mpjieg definit gie unilataralment u minghajr raguni valida fil-ligi terminat mill-konvenut nomine, mil-liema hdax (11) il-sessjoni, hamsa (5) kienu "outdoor sessions", li ghalihom il-hlas huwa ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) kull sessjoni, u sitta (6) "indoor sessions", li ghalihom il-hlas huwa ta' hamsin lira Maltija kull sessjoni, u dan ai termini tas-sureferit artikolu tlieta (3) tal-kuntratt (Dok. "A");

Illi l-imsemmi kuntratt ta' mjieg definit gie unilataralment u minghajr raguni valida terminat antitempo mill-konvenut nomine, l-istess konvenut nomine, ai termini tas-subinciz (11) tal-artikolu 34 tal-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi (Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta), huwa dovut li jhallas lill-atturi nofs il-paga li kienet tmisshom ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem;

Illi l-paga li kienet tmiss lill-atturi fil-bqija taz-zmien espressament miftiehem, jigifieri bejn il-11 ta' Novembru 1993 u l-31 ta' Dicembru 1993, kienet tammonta ghas-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570), u ghalhekk ai termini tal-artikolu 34 (11) tal-Kapitolu 135, il-konvenut nomine huwa dovut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285), rapprezentanti n-nofs tal-paga li kienet tmiss lilhom ghall-bqija taz-zmien miftiehem mill-kuntratt ta' servizz definit kieku dan ma giex unilatalerment u bla raguni valida fil-ligi terminat antitempo mill-konvenut nomine;

Illi ghalkemm kien gie nterpellat anke permezz tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 1994 sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u sittin lira Maltija (Lm860), il-konvenut nomine baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenut nomine unilateralment u minghajr gustifikazzjoni valida fil-ligi kiser u ttermina antitempo l-kuntratt ta' servizz ghal perjodu definit vigenti bejn l-imsemmi konvenut nomine u l-atturi;
2. tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas is-somma komplessiva ta' tmien mija u sittin lira Maltija (Lm860), rapprezentanti kwantu ghas-saomma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm575) il-hlas li huwa dovut ihallas lill-atturi ghas-servizzi minnhom pprestati fil-hdax (11) il-sessjoni ta' daqq moghtija bejn it-2 ta' Settembru, 1993 u l-11 ta' Novembru 1993, u kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285) rappresentanti n-nofs tal-hlas spettanti lill-atturi mill-konvenut nomine ai termini tal-artikolu 34 (11) tal-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi (Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata l-24 ta' Mejju 1994, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex il-kuntratt ta' servizz indikat mill-atturi gie prematurment minnhom terminat b'ittra tal-25 ta' Ottubru 1993, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-partijiet kienu kkonkordaw li ghal xi zmien waqt Novembru s-servizz jigi sospis.
3. Illi l-atturi naqsu li jipprovdu s-servizz kif stipulat fil-kuntratt.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn, wara li ppremetta illi:

1. Illi l-atturi kellhom jaghtu servizz skond il-kuntratt u naqsu li jaghmlu dan specjalment waqt il-perijodu tal-Milied tal-1993 u ssuggerew sostitut, li ma setghax jaghti l-istess servizz u lanqas kien accettabli ghall-esponent.
2. Illi bhala konsegwenza l-Imperial Hotel, permezz tas-socjeta' konvenuta, sofriet danni.

talab lil din il-Qorti li:

Jigi dikjarat li s-socjeta' konvenuta sofriet danni, li ghalihom huma responsabbli l-atturi, li l-istess danni jigu likwidati u s-somma likwidata tithallas mill-atturi li ghaliha jigu kundannati.

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu giet nominata bhala perit legali Dr. Marse-Ann Farrugia sabiex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-30 ta' Settembru 1996 li permezz tieghu, fuq talba tal-konvenut nomine, gie nominat Joseph Gaffiero bhala espert kalligrafu;

Rat ir-relazzjoni tal-espert kalligrafu minnu mahlufa fit-30 ta' Marzu 1998;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnha mahlufa fid-19 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-atturi kienu jiffurmaw grupp ta' muzicisti bl-isem "No Limits" u f' Marzu 1993 kienu lehqu ftehim biex idoqqu fl-Imperial Hotel. F'Novembru ta' l-istess sena twaqqfu milli jkomplu jdoqqu u l-atturi ntavolaw din il-kawza sabiex jithallsu xi arretrati kif ukoll biex jithallsu l-ammont relativ ghat-terminazzjoni tal-kuntratt qabel iz-zmien minghajr ebda gustifikazzjoni.

Mac-citazzjoni giet esebita bhala Dok. A kopja tal-ftehim. Sussegwentement gie esebit minn Joseph Saliba (li kien il-Manager ta' l-imsemmija lukanda meta sar il-ftehim) id-Dok. JS1 li huwa dokument originali. Tirrizulta diskrepanza f'dawn iz-zewg dokumenti billi fid-Dok. A fil-paragrafu numru tnejn il-kelma "four" hija mhassra u sostitwita bil-kelma "three" filwaqt li fil-paragrafu numru sebgha l-kelma "three" hija mhassra u sostitwita bil-kelma "one". Mill-banda l-ohra fid-Dok. JS1 fil-paragrafu numru tnejn il-kelma "four" hija wkoll mhassra izda mbaghad hemm mill-gdid il-kelma "four" miktuba fuq it-tippex u zewg inizjali hdejha. Hekk ukoll fil-paragrafu numru sebgha l-kelma "three" hija mhassra u mill-gdid hemm il-kelma "three" miktuba fuq it-tippex u zewg inizjali hdejha. Inoltre fid-Dok. JS1 fl-ewwel paragrafu d-data minn meta l-atturi kellhom jibdew idoqqu nbidlet minn "18" ghal "25".

Antoine Pullicino, li kien iffirma l-ftehim ghan-nom tal-grupp, cahad li hemm l-inizjali tieghu fid-Dok. JS1. Mill-banda l-ohra Joseph Saliba xehed li hu kien baghat lil Pullicino z-zewg originali biex jiffirmahom it-tnejn u jaghtih wahda lura filwaqt li zamm it-tielet kopja ghall-file. Pullicino kien mar ghandu biex isiru t-tibdiliet li xtaq u gablu kopja kkorreguta bl-idejn. Hu ma qabilx ma’ tali tibdiliet u wara li ddiskutew, qablu li ma jsirux it-tibdiliet. Ghalhekk ghatta l-kitba bit-tippex u rega’ kiteb b’idejh il-kliem “four” u “three” li gew inizjalati bhala qbil minnu u minn Pullicino.

L-espert kalligrafu pero` kkonkluda li l-inizjali li huwa ezamina fid-Dok. JS1 u li tahthom huwa ghamel tikka hamra huma awtentici u huma ta’ l-attur Antoine Pullicino.

Il-perit legali osservat li ghalkemm Pullicino kien kategoriku li l-inizjali tal-korrezzjonijiet fuq id-Dok. JS1 ma kinux tieghu, huwa ammetta li ffirma z-zewg originali fuq it-tieni faccata u meta kien mistoqsi minnha jekk fit-tieni original sarux l-istess korrezzjonijiet fl-ewwel faccata li hemm fid-Dok. A, huwa qal li ma jiftakarx. Ghalhekk, u fid-dawl ukoll tal-konkluzjoni ta’ l-espert kalligrafu u tax-xiehda ta’ Joseph Saliba, hija kkonkludiet, fil-fehma tal-Qorti korrettement, li jidher verosimili li Pullicino kien mar ghand Saliba biz-zewg originali, it-tnejn emendati, u giet selezzjonata wahda minnhom – dik li regghet giet korretta u inizjalata, u cioe` d-Dok. JS1 – bhala l-ftehim finali bejn il-partijiet.

Stabbilit li d-Dok. JS1 hija l-iskrittura li ghandha tirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet, trid tigi ezaminata n-natura ta’ din l-iskrittura. L-atturi jikkontendu li l-kuntratt in kwistjoni huwa regolat mill-Kap 135. Izda huwa in effetti “a contract of service” regolat minn dik il-ligi jew “a contract for services” regolat mill-Kodici Civili?

Il-perit legali timponi dan il-kwezit u wara riferenza ghal gurisprudenza lokali u ghal awturi esteri, tikkonkludi li l-kuntratt in kwistjoni ma kienx kuntratt ta’ impieg izda kuntratt biex l-atturi jipprovdu servizzi muzikali u ghalhekk regolat mill-provvedimenti relattivi tal-Kodici Civili. Il-Qorti tikkondividi din il-fehma u a skans ta’ ripetizzjoni tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-abbli perit legali a fol. 39 sa 43 tar-relazzjoni taghha.

Dwar it-talbiet tal-partijiet il-perit legali tikkummenta hekk:

**L-Ewwel Talba Attrici**

“Fl-ewwel talba taghhom, l-atturi qieghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-konvenut nomine unilateralment u minghajr gustifikazzjoni valida fil-ligi kiser u ttermina antitempo l-kuntratt ta’ sevizz ghal perjodu definit.

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi l-atturi ma thallsux ghas-servizzi pprestati fil-hdax (11) il-sessjoni ta’ daqq moghtija bejn it-2 ta’ Settembru 1993 u l-11 ta’ Novembru 1993. Lanqas huwa kkontestat illi l-atturi kienu lmentaw mal-General Manager tal-Hotel Joseph Saliba dwar dan (xhieda Saliba Seduta 24) u dan kien jghidilhom li c-cheque kien jinsab mizmum fuq parir ta’ l-avukat tas-socjeta’ konvenuta.

Mix-xhieda tal-General Manager Joseph Saliba (Seduta 24) u anke minn dik ta’ l-assistant tieghu Paul Cassar (Seduta 27) dan sar bhala prekawzjoni, fuq semplici “hearsay” rapportat minn Paul Cassar lil Joseph Saliba li l-grupp seta’ jdoqq band’ohra lejliet il-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena, in vjolazzjoni tal-ftehim vigenti bejn il-partijiet.

Ma jidhirx li l-atturi gew infurmati bir-raguni ghaliex il-pagament taghhom kien qieghed jigi mizmum (xhieda Buhagiar: Seduta 2, Pullicino: Seduta 9). Saliba nnifsu xehed (Seduta 24) illi ma jiftakarx preciz illi xi darba qal lil xi membru tal-group x’kienet ir-raguni tal-waqfien tal-pagament. Ghalkemm huwa zied jghid illi f’xi mument jew iehor ir-raguni tajthilkhom, pero’ ma setghax jiftakar ezattament kif. Iktar tard Saliba xehed (Seduta 25) illi wara li waqqaf il-group F’Novembru milli jkompli jdoqq, kien baghtilhom korrispondenza fejn spjega ir-raguni tal-waqfien tal-pagament, liema korrispondenza pero’ qatt ma giet esebita.

Fl-umli opinjoni ta’ l-esponenti, il-konvenut nomine ma kellu l-ebda dritt fil-ligi jwaqqaf il-pagamenti ta’ l-atturi ghal prestazzjonijiet li kienu diga taw, iktar u iktar meta dan sar fuq semplici dicerija. Il-fatt illi l-konvenut seta’ kellu suspetti illi il-grupp kien ha mpenji ohra ghal lejliet il-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena in vjolazzjoni tal-ftehim ta’ bejniethom, ma kienx jintitolah illi jiehu l-ligi b’idejh u jwaqqaf il-pagament bhala “prekawzjoni” – ghalkemm naturalment seta’ kellu rimedji ohra that il-ligi.

Mill-provi jirrizulta li l-atturi kienu jithallsu fl-ahhar ta’ kull xahar, ghas-servizzi li jkunu taw (ara xhieda Saliba: Seduta 15). Ghaldaqstant, in kwantu il-konvenut nomine zamm il-pagament dovut lill-atturi ghas-

servizzi li kienu taw, il-konvenut nomine ma kienx qieghed l-obbligi tieghu skond il-kuntratt vigenti bejn il-partijiet.

L-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili jiddisponi illi "Il-kondizzjoni rizoltattiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjoni taghha: Izda, f'dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx *ipso iure,* u l-Qorti tista' skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut…."

Pero' il-kuntratt de quo jirrigwarda affari kummercjali, u f'affarijiet kummercjali l-ligi tal-kummerc ghandha precedenza fuq dik civili (Artikolu 3 tal-Kodici tal-Kummerc). L-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc, jiddisponi illi "Fil-kuntratti kummercjali, il-kondizzjoni rizoltattiva tacita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt *ipso jure,* u l-Qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-*mora.*" (ara **Vassallo vs Vella** Qorti tal-Kummerc 25/11/1954 Vol. XXXVIII-iii-733);

Fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, billi s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi minnha assunti skond il-kuntratt bejn il-partijiet, avverat ruhha il-kondizzjoni rizoltattiva ai termini ta' l-Artikolu 117 tal-Kodici Tal-Kummerc, u bhala rizultat il-kuntratt inhall *ipso iure*. Konsegwentement, l-atturi kienu intitolati li ma jkomplux jipprestaw is-servizzi taghhom.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut nomine eccepixxa illi l-kuntrattt ta' servizz de quo gie prematurament terminat mill-atturi b'ittra tal-25 ta' Ottubru 1993 (Dok. AP2), li kienet tghid illi "The group "No Limits" is giving one month notice, as from the above mentioned date, to stop their performance at the Imperial Hotel".

Rigward din l-ittra l-esponenti tissottometti illi huwa car illi klawsola 7 tal-kuntratt Dok. JS1 tipprovdi li n-notice kien japplika biss jekk wahda mill-partijiet kontraenti ma rieditx li l-kuntratt jiggedded awtomatikament ghal sena ohra. Fil-fatt testwalment din il-klawsola tghid: "This agreement is being entered into with immediate effect and for a period of one calendfar year and shall be considered automatically renewed for additional similar periods, unless either party gives notice in writing three months before the date of expiry, this being the 31 st. day of December."

Il-kuntratt de quo ma kienx jikkontempla li l-kuntratt seta' jigi terminat minn xi wahda mill-partijiet fil-kors tieghu, billi tinghata n-notice. Pero' kif diga gie sottomess, l-atturi kienu legalment gustifikati illi ma jkomplux jipprestaw is-servizzi taghhom, mhux a bazi ta' klawsola 7 tal-

ftehim de quo, izda a bazi tal-fatt illi kienet avverat ruhha kundizzjoni rizoluttiva tacita skond il-ligi, kif fuq spjegat. Fil-fatt l-attur Pullicino xehed li n-notice inkitbet peress li ma kienux thallsu tas-servizzi pprestati (Pullicino seduta 22).

Ghal fini ta' kompletezza, l-esponenti sejra tikkonsidra t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine, cioe' l-partijiet kienu kkonkordaw li ghal xi zmien waqt Novembru s-servizz jigi sospiz. Gie ampjament pruvat illi fil-11 ta' Novembru 1993, il-General Manager Joseph Saliba baghat jghid lil group, tramite l-assistant tieghu Joseph Cassar, sabiex izarmaw l-apparat taghhom u jieqfu jdoqqu. Il-General Manager tal-hotel Joseph Saliba xehed li kien hemm ftehim verbali bejnu u bejn l-attur Pullicino li f'Novembru l-grupp seta' jintalab ma jdoqqx in vista tan-nuqqas ta' attendenza notorja f'dawn iz-zminjiet (Saliba: Seduta 24).

Fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, mhux verosimili li kuntratt li gie redatt b'certu dettall ikun silenzjuz f'haga daqshekk importanti, u dan ghas-segwenti ragunijiet.

- Il-ftehim de quo jghid kategorament illi l-group irid idoqq "every Thursday evening", u ma jikkontempla l-ebda eccezzjoni. Jekk gie specifikat il-hin tal-"break" waqt kull sessjoni, certament kien jigi specifikat "break" twil xahar. Huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi "Non e' ammessa la prova per mezzo di testimoni contro o in aggiunta al contenuto in atti scritti." (Vol. XIII – 279, Vol. XVII – iii – 51). Kif gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell (Vol. XXIII –I – 870): "La regola "contro scriptum testimonium non fertur testimonium non scriptum"" (Leg. I, Cod. dE testibus), accolta generalmente dalla giurisprudenza, trova il suo fondamento nella considerazione che, quando le parti abbiano voluto o dovuto ridurre in iscritto le loro convenzioni, si possa presumere che esse le abbiano formulate in termini esatti e completi, avendo ciascuna di esse interesse che la prova scritta prevenga ogni contestazione."

- Mill-kompless tax-xhieda ta'Joseph Saliba u anke minn dik ta' l-assistant tieghu Paul Cassar jidher li s-socjeta' konvenuta riedet osservanza minuzzjuza tal-kuntratt, tant li fuq semplici dicerija rapportata minn Paul Cassar lil Joseph Saliba li l-grupp seta' jdoqq band'ohra fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena, s-socjeta' konvenuta kienet pronta li zzomm il-hlas ta' l-atturi ghas-servizzi li kienu qieghdin jipprestaw bhala "prekawzjoni". Ghalkemm Joseph Saliba xehed li "Ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn it-twaqqif temporanju tal-banda minhabba low occupancy mad-dicerija in kwistjoni" huwa kompla

jispjega li ma kienx lest jaghti gurnata lill-atturi biex ikomplu jdoqqu qabel ma dawn jassigurawh li kienu ser idoqqu fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

- Ix-xhieda ta' Saliba hija kontradetta mix-xhieda ta' Paul Cassar – l-Assistant Manager tal-Food & Beverage – li xehed (Seduta 27) li l-arrangament li l-hotel kien jaghmel mal-bands kienu li jdoqqu skond kif stipulat fil-kuntratt taghhom, u li ghalkemm kien hemm okkazjonijiet fil-passat meta grupp kien jintalab verbalment li ma jattendix ghal sessjoni minhabba nuqqas ta' pubbliku, huwa kkonkluda li "Pero' jekk il-group jinsisti li jigi, ahna konna committed li nhalluhom idoqqu. Pero' fil-kaz tal-group "No Limits" ma jidhirlix li qatt saru tali arrangamenti verbali"

- Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti illi s-socjeta' konvenuta mhux biss ma kienitx qieghda tonera l-obbligi taghha skond il-ftehim, inkwantu ma kienitx qieghda thallas lill-atturi ghas-servizzi li kienu pprestaw, izda wkoll vvjolat l-istess ftehim in kwantu li waqqfet lil group milli jkomplu jdoqqu. Ghalhekk, kif diga gie sottomess, avverat ruhha l-kondizzjoni rizoluttiva tacita ai termini ta' l-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc, u konsegwentement il-kuntratt bejn il-partijiet inhall *ipso iure*. Konsegwentement, l-atturi kienu intitolati li ma jkomplux jipprestaw is-servizzi taghhom.

L-esponenti sejra issa tikkunsidra l-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta lill-atturi tramite il-konsulent legali taghha – tal-25 ta' Novembru 1993 (Dok. AP3) – fejn ikkontendiet li l-kuntratt kien ghadu vigenti – u b'hekk fissret li riedet lill-atturi jirritornaw idoqqu, u li fin-nuqqas kien qed izomm lill-atturi responsabbli ghad-danni. Fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, la darba kien il-konvenut nomine li naqas milli jonera l-obbligi tieghu skond il-ftehim de quo kif fuq sottomess, l-atturi kienu gustifikati li ma jirritornawx idoqqu, stante li l-kuntratt ta' bejniethom kien gie xolt skond il-ligi. Konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda dritt fil-ligi li tinterpellhom ikomplu jaghtu s-servizzi taghhom, u wisq inqas izzommhom responsabbli ghad-danni.

## It-Tieni Talba ta' l-Atturi

Rigward it-talba ghal hlas ta' Lm575 ghal servizzi pprestati fil-hdax (11) il- sessjoni ta' daqq moghtija bejn it-2 ta' Settembru 1993 u l-11 ta' Novembru 1993 huwa ppruvat u kkorraborat li l-atturi pprestaw dawn is-servizzi u m'hemm xejn fl-eccezzjonijiet u fix-xhieda li jista' jiggustifika l-pretenzjoni tal-konvenut nomine li ma jaghmilx dan il-hlas dovut, u dan ghar-ragunijiet fuq sottomessi.

Il-ħlas ta' Lm15.00 lill-attur John Morana għall użu ta' l-apparat tal-P.A. system tiegħu kif jirriżulta mix-xhieda u mid-Dokument "Dok. B" ma jistgħux jiġu kkunsidrati mill-esponenti billi ma ġewx mitluba fic-ċitazzjoni.

L-atturi qiegħdin jitolbu wkoll il-ħlas ta' Lm285 "rapprezentanti n-nofs tal-ħlas spettanti lill-atturi għaż-żmien rimanenti tal-kuntratt jiġifieri mill-11 ta' Novembru 1993 sal-31 ta' Diċembru 1993 ai termini ta' l-artikolu 34 (11) ta' l-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjiegi (Kapitlu 135 tal-Liġijiet ta' Malta)" Fl-Umli opinjoni ta' lesponenti, din it-talba għandha tiġi respinta in kwantu din it-talba hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 135, u għar-raġunijiet fuq sottomessi l-kuntratt de quo mhux regolat mill-Kapitou 135.

L-anqas għandha l-esponenti l-fakolta li tikkunsidra jekk dan l-ammont jistgħax ikun dovut that xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, stante li tali kunsiderazzjoni tkun *ultra petita* għat-talbiet fic-ċitazzjoni.

**Kontro-Talba**

Għar-raġunijiet fuq sottomessi, l-atturi ma jistgħux ikunu responsabbli għad-danni li s-soċjeta' konvenuta allegatament sofriet. Għal fini ta' kompletezza, l-esponenti tissoleva li ma ġiet prodotta l-ebda prova ta' dawn l-allegati danni.

Għaldaqstant, il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda."

Il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali għamlet apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġi applikabbli u tagħmel tagħha l-konkluzjonijiet hekk raġġunti.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tiċħad ukoll il-kontro-talba tal-konvenut nomine, u tilqa' t-talbiet attriċi limitatament kif ġej:

(1) tiddikjara li l-konvenut nomine unilateralment u mingħajr ġustifikazzjoni valida fil-liġi kiser u ttermina antitempo l-kuntratt viġenti bejn il-partijiet,
(2) tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas lill-atturi s-somma ta' Lm575 għas-servizzi minnhom ipprestati fil-ħdax-il sessjoni ta' daqq

moghtija bejn it-2 ta' Settembru 1993 u l-11 ta' Settembru 1993, bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine salv dawk tat-tieni talba li jithalsu kwantu ghal terz mill-atturi u zewg-terzi mill-konvenut nomine u l-ispejjez ta' l-espert kalligrafu li jithalsu fl-intier mill-atturi.

**Onor. Imhallef**
**David Scicluna**

**D/Registratur**